REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2096

tal-15 ta' Diċembru 2020

li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), fir-rigward ta' sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR), tagħmir kopert mir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inkwinanti organiċi persistenti, ċerti sustanzi jew taħlitiet likwidi, nonilfenol u metodi ta' ttestjar għall-użokoloranti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 68(2) u 131 tiegħu,

Billi:

(1) L-entrata 3 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fiha diversi referenzi għat-tikkettar b'R65, li huwa wieħed mill-"Frażijiet R" standard, li jindika riskji speċjali kkawżati mill-perikli assoċjati mal-użu tas-sustanza li ġew stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE ([2]). Billi dik id-Direttiva ġiet revokata, ir-referenzi għal R65 għandhom jitħassru mill-entrata 3.

(2) Skont il-paragrafu 6 tal-entrata 3 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, fit-8 ta' Lulju 2015 l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ħejjiet dossier b'konformità mal-Artikolu 69 ta' dak ir-Regolament u kkonkludiet li ma hemmx bżonn li tiġi proposta emenda tar-restrizzjoni stabbilita f'dik l-entrata. Għaldaqstant, il-paragrafi 6 u 7 tal-entrata 3 saru superfluwi u għandhom jitħassru.

(3) L-entrati 22, 67 u 68 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jistabbilixxu r-restrizzjonijiet fir-rigward tal-pentaklorofenol u l-imlieħ u l-esteri tiegħu, l-aċidu bis(pentabromofenil) u l-aċidu perfluworoottanojku u l-imlieħ tiegħu. Hekk kif jiġu stabbiliti restrizzjonijiet aktar ħorox għal dawk is-sustanzi fir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), jenħtieġ li jitħassru l-entrati 22, 67 u 68 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(4) L-entrata 46 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, kif ġiet inkluża għall-ewwel darba fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, ma fiha l-ebda numru tal-CAS jew numri tal-KE għan-nonilfenol. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 552/2009 ([4]) żied numru CAS u numru KE għal dik l-entrata, bl-intenzjoni li jiċċaraha u jippermetti lill-operaturi u lill-awtoritajiet tal-infurzar japplikawha b'mod korrett. Madankollu, dik iż-żieda kellha l-effett mhux intenzjonat li issa, l-entrata 46 ma tkoprix l-iżomeri kollha tan-nonilfenol. L-intenzjoni tal-leġislatur fiż-żmien tal-adozzjoni tar-restrizzjoni għalhekk jenħtieġ li tiġi riflessa billi jitħassru dawk in-numri.

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluż (ĠU 196, 16.8.1967, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 552/2009 tat-22 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) fir-rigward tal-Anness XVII (ĠU L 164, 26.6.2009, p. 7).

(5) L-entrati 28, 29 u 30 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq u l-użu għall-forniment lill-pubbliku ġenerali ta' sustanzi li huma kklassifikati bħala sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR), tal-kategoriji 1 A jew 1B, u elenkati fl-Appendiċi minn 1 sa 6 ta' dak l-Anness, u ta' taħlitiet li jkun fihom sustanzi bħal dawn f'konċentrazzjonijiet ogħla minn dawk speċifikati.

(6) Is-sustanzi kklassifikati bħala CMR huma elenkati fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(7) Wara l-aħħar emenda tal-Appendiċijiet minn 1 sa 6 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/675 ([6]) biex jitqiesu l-klassifikazzjonijiet il-ġodda tas-sustanzi bħala CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ġiet emendata mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1480 ([7]) u mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/217 ([8]). Huwa xieraq li s-sustanzi CMR tal-kategoriji 1 A jew 1B elenkati fir-Regolamenti (UE) 2018/1480 u (UE) 2020/217 li għadhom kif ġew ikklassifikati jiżdiedu fl-Appendiċijiet minn 1 sa 6 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(8) Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) jistabbilixxi r-regoli dwar it-tqegħid fis-suq, id-disponibbiltà fis-suq jew it-tqegħid fl-użu ta' apparati mediċi għall-użu mill-bniedem, aċċessorji għal tali apparati u ċerti gruppi ta' prodotti mingħajr skop mediku maħsub. Billi r-Regolament (UE) 2017/745 fih xi dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi CMR, u biex tiġi evitata regolamentazzjoni doppja, l-apparati fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/745 jeħtieġ li jiġu eżentati mir-restrizzjonijiet stabbiliti fl-entrati 28–30 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(9) It-tħassir tal-entrata 68 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jenħtieġ japplika mid-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/784 ([10]), bl-inklużjoni tal-aċidu perfluworoottanojku u l-imlieħ tiegħu fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021.

(10) Il-klassifikazzjonijiet tas-sustanzi introdotti bir-Regolament (UE) 2018/1480 japplikaw mill-1 ta' Mejju 2020. Il-partijiet ikkonċernati għandhom jingħataw żmien biżżejjed biex jieħdu l-miżuri xierqa biex jikkonformaw mar-restrizzjoni introdotta minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' sustanzi kklassifikati bħala CMR tal-kategorija 1 A jew 1B bir-Regolament (UE) 2018/1480. Perjodu ta' sitt xhur għandu jkun biżżejjed. Id-data tal-applikazzjoni ma twaqqafx lill-operaturi milli japplikaw ir-restrizzjonijiet relatati mas-sustanzi CMR tal-kategorija 1 A jew 1B ikklassifikati skont ir-Regolament (UE) 2018/1480 aktar kmieni.

(11) Ir-Regolament (UE) 2020/217 japplika mill-1 ta' Ottubru 2021. Ir-restrizzjoni introdotta minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' sustanzi kklassifikati bħala CMR tal-kategorija 1 A jew 1B bir-Regolament (UE) 2020/217 għalhekk jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Ottubru 2021. Id-data tal-applikazzjoni ma twaqqafx lill-operaturi milli japplikaw ir-restrizzjonijiet relatati mas-sustanzi CMR tal-kategorija 1 A jew 1B ikklassifikati skont ir-Regolament (UE) 2020/217 aktar kmieni.

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/675 tat-2 ta' Mejju 2018 li jemenda l-Appendiċijiet tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tas-sustanzi CMR (ĠU L 114, 4.5.2018, p. 4).

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1480 tal-4 ta' Ottubru 2018 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, u li jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/776 (ĠU L 251, 5.10.2018, p. 1).

([8]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/217 tal-4 ta' Ottubru 2019 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, u li jikkoreġi dak ir-Regolament (ĠU L 44, 18.2.2020, p. 1).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

([10]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/784 tat-8 ta' April 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-elenkar tal-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA (ĠU L 188, 15.6.2020, p. 1).

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/776 ([11]) għamel xi bidliet fit-titoli u fin-numerazzjoni fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. L-emendi korrispondenti għall-entrati 28, 29 u 30 fil-kolonna 1 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 saru permezz tar-Regolament (UE) 2018/675. Jenħtieġ li jsiru bidliet simili għat-titoli tal-Appendiċi minn 1 sa 6 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(13) L-Appendiċi 10 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jelenka l-metodi ta' ttestjar għall-ażokoloranti għall-finijiet tal-entrata 43 ta' dak l-Anness. Diversi metodi ta' ttestjar elenkati huma skaduti u ġew sostitwiti mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni b'metodi ta' ttestjar aktar aġġornati. Għalhekk, l-Appendiċi 10 għandu jiġi emendat biex jirrifletti dawk il-bidliet.

(14) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jiġi emendat skont dan.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (6) tal-Anness għandu japplika mill-4 ta' Lulju 2020.

Il-punt (8)(b) tal-Anness għandu japplika skont dan li ġej:.

— ir-ringieli dwar il-kobalt, il-benżo[*rst*]pentafen u d-dibenżo[*b,def*] krisen; id-dibenżo[*a,h*]piren għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2021;

— ir-ringieli li jikkonċernaw il-1,2-diidrossibenżen; il-pirokateċol, l-aċetaldelid; l-etanal u s-spirodiklofen (ISO); 3-(2,4-diklorofenil)-2-osso-1-ossaspiro[4.5]dek-3-en-4-il 2,2-dimetilbutirat għandu japplika mill-5 ta' Lulju 2021.

Il-Punt 11(b) tal-Anness għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2021.

Il-punt (12)(b) tal-Anness għandu japplika kif ġej:

— ir-ringieli dwar il-kobalt, l-ossidu tal-etilene; l-ossiran, l-etanol, 2,2'-iminobis-, id-derivati tan-*N*-(C13–15 alkil ramifikat u lineari), il-ftalat tad-diisoeżil, l-alosulfuron metil (ISO); il-metil-3-kloro-5-{[(4,6-dimetossipirimidin-2il)karbamojl] sulfamojl} -1-metil1H-pirazol-4-karbossilat, 2-metilimidazole u dibutilbis (pentan-2,4-dionato-O,O')landa għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2021;

— ir-ringieli dwar it-2-benżil-2-dimetilammino-4'-morfolinobutirofenon, propikonażol (ISO); (*2RS,4RS;2RS,4SR*)-1-{[2-(2,4-diklorofenil) -4-propil-1,3-diossolan-2-il]metil}-1H-1,2,4-triażol u 1-vinilimidażol għandhom japplikaw mill-5 ta' Lulju 2021.

([11]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/776 tal-4 ta' Mejju 2017 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 116, 5.5.2017, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-kolonna 2 tal-entrata 3 hija emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk dawn ikollhom aġent tal-kulur, sakemm ma jkunx jinħtieġ għal finijiet fiskali jew bħala fwieħa jew għat-tnejn u jekk dawn:

— jistgħu jintużaw bħala fjuwil f'lampi dekorattivi għall-forniment lill-pubbliku ġenerali, u,

— joħolqu periklu għall-aspirazzjoni u jkunu indikati bil-figura H304 fuq it-tikketta tagħhom.",

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Bla ħsara għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-Unjoni oħrajn relatati mal-klassifikazzjoni, mal-imballaġġ u mal-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, min iforni għandu jiżgura, qabel it-tqegħid fis-suq, li dawn ir-rekwiżiti jkunu ssodisfati:

(a) iż-żjut tal-lampi, ittikkettjati b'H304, maħsuba għall-forniment lill-pubbliku ġenerali jkunu viżibbli, u mmarkati b'mod li jinqraw ċar u ma jitħassarx kif ġej: "Żomm il-lampi mimlijin b'dan il-likwidu 'l bogħod mit-tfal"; u, sal-1 ta' Diċembru 2010, "Belgħa żgħira taż-żejt tal-lampi — jew anke l-issuffjar tal-ftila tal-lampi — tista' twassal għal ħsara fil-pulmun li jħedded il-ħajja";

(b) il-fluwidi tal-lajters tal-grill, ittikkettjati b'H304, maħsuba għall-forniment lill-pubbliku ġenerali jiġu mmarkati b'mod li jinqara ċar u li ma jitħassarx sal-1 ta' Diċembru 2010 kif ġej: "Belgħa żgħira tal-likwidu tal-lajters tal-grill tista' twassal għal ħsara fil-pulmun li jħedded il-ħajja";

(c) iż-żjut tal-lampi u l-lajters tal-grill, ittikkettjati b'H304, maħsuba għall-forniment lill-pubbliku ġenerali huma ppakkjati f'kontenituri suwed opaki li ma jaqbżux il-litru sal-1 ta' Diċembru 2010.",

(c) jitħassar il-paragrafu 6,

(d) jitħassar il-paragrafu 7;

(2) titħassar l-entrata 22;

(3) Fl-entrati 28–30, il-punt (f) li ġej huwa miżjud fil-paragrafu 2 tal-kolonna 2:

"(f) apparati koperti mir-Regolament (UE) 2017/745 ".

(4) Fl-entrata 46, jitħassru r-referenzi għan-numru tal-CAS u għan-numru tal-KE fil-paragrafu (a) tal-kolonna 1;

(5) titħassar l-entrata 67;

(6) titħassar l-entrata 68;

(7) It-titlu tal-Appendiċi 1 hu sostitwit b'dan li ġej:

"**Entrata 28 — Karċinoġeni: Il-kategorija 1 A**";

(8) L-Appendiċi 2 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jinbidel b'dan li ġej:".

"**Entrata 28 — Karċinoġeni: Kategorija 1B**",

(b) l-entrati li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella skont l-ordni tan-numri tal-indiċi stabbiliti hemmhekk:

"kobalt	027-001-00-9	231-158-0	7440-48-4"	
"benżo[*rst*]pentafen	601-090-00-X	205-877-5	189-55-9"	
"dibenżo[*b,def*]krisen; dibenzo[*a,h*]piren	601-091-00-5	205-878-0	189-64-0"	
"1,2-diidrossibenżen; pirokatekol;	604-016-00-4	204-427-5	120-80-9"	

“aċetaldeid; etanal	605-003-00-6	200-836-8	75-07-0”	
“spirodiklofen (ISO); 3-(2,4-diklorofenil)-2-osso-1-ossaspiro[4.5]dek-3-en-4-il 2,2-dimetilbutirat	607-730-00-4	—	148477-71-8”;	

(9) It-titlu tal-Appendiċi 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:””

“Entrata 29 — mutaġeni ta’ ċelloli ġerminali: Il-kategorija 1 A”;

(10) It-titlu tal-Appendiċi 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:””

“Entrata 29 — mutaġeni taċ-ċelloli ġerminali: Il-kategorija 1B”;

(11) L-Appendiċi 5 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:”.

“Entrata 30 — Tossikanti għar-riproduzzjoni: Kategorija 1 A”,

(b) l-entrati li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella skont l-ordni tan-numri tal-indiċi stabbiliti hemmhekk:

“klorur metilmerkuriku	080-012-00-0	204-064-2	115-09-3”;	

(12) L-Appendiċi 6 jiġi emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“**Entrata 30 — Tossikanti għar-riproduzzjoni: Kategorija 1B**”,

(b) l-entrati li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella skont l-ordni tan-numri tal-indiċi stabbiliti hemmhekk:

“kobalt	027-001-00-9	231-158-0	7440-48-4”	
“ossidu tal-etilen; ossiran	603-023-00-X	200-849-9	75-21-8”	
“etanol, 2,2’-iminobis-, derivati tan-*N*-(C13–15-alkil lineari u fi friegħi).	603-236-00-8	308-208-6	97925-95-6”	
“2-benżil-2-dimetilammino-4’-morfolinobutirofenon	606-047-00-9	404-360-3	119313-12-1”	
“ftalat tad-diisoeżil	607-737-00-2	276-090-2	71850-09-4”	
“propikonażol (ISO); (*2RS,4RS;2RS,4SR*)-1-{[2-(2,4-diklorofenil)-4-propil-1,3-diossolan-2-yl]metil}-1H-1,2,4-triazol	613-205-00-0	262-104-4	60207-90-1”	
“1-vinilimidazol	613-328-00-X	214-012-0	1072-63-5”	
“ħalosulfuron-metil (ISO); metil 3-kloro-5-{[(4,6dimetossipirimidin-2yl)karbamossil]sulfamojl}-1-metil1H-pirazol-4-karbossilat	613-329-00-5	—	100784-20-1”	
“2-metilimidażol	613-330-00-0	211-765-7	693-98-1”	
“dibutilbis(pentan-2,4-dijonato-O,O’)landa	650-056-00-0	245-152-0	22673-19-4”;	

(13) Fl-Appendiċi 10, it-tabella hija sostitwita bit-tabella li ġejja:

"L-Organizzazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni	Referenza u titlu tal-istandard armonizzat	Referenza tal-istandard mibdul
CEN	EN ISO 17234-1:2015 Ġilda – Testijiet kimiċi għad-determinazzjoni ta' ċertiażokoloranti fil-ġlud miżbugħa – Parti 1: Determinazzjoni ta' ċerti ammini aromatiċi dderivati mill-użokoloranti	EN ISO 17234-1:2010
CEN	EN ISO 17234-2:2011 Ġilda – Testijiet kimiċi għad-determinazzjoni ta' ċerti użokoloranti fil-ġlud miżbugħa – Parti 2: Id-determinazzjoni ta' 4-aminoażobenżen	CEN ISO/TS 17234:2003
CEN	EN ISO 14362-1:2017 Drappijiet - Metodi għad-determinazzjoni ta' ċerti ammini aromatiċi dderivati mill-użokoloranti - Parti 1: Detezzjoni tal-użu ta' ċerti użokoloranti aċċessibbli bl-estrazzjoni tal-fibri jew mingħajrha	EN 14362-1:2012
CEN	EN ISO 14362-3:2017 Drappijiet - Metodi għad-determinazzjoni ta' ċerti ammini aromatiċi dderivati mill-użokoloranti - Parti 3: Sejbien tal-użu ta' ċerti użokoloranti, li jistgħu jirrilaxxaw l-4-amminoażobenżen	EN 14362-3:2012"